Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

# Eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq vetturi u mil-liċenzja tat-triq

**Is-servizzi fil-qosor**
**Il-Ministeru tal-Finanzi fuq rakkomandazzjonijiet tal-KNPD jagħti eżenzjonijiet lill-persuni b'diżabilità jew f'ċerti ċirkustanzi lill-familjari tagħhom mill-ħlas tar-reġistrazzjoni, dazju jew VAT fuq vetturi u mill-ħlas tal-liċenzja tat-triq li jgħinuhom fit-trasport tagħhom. Dawn l-eżenzjonijiet jistgħu jkunu għall-ħlas kollu jew parti minnu.**

## MIN JIBBENEFIKA MINN DAWN L-EŻENZJONIJIET?

**Eliġibilità għall-eżenzjoni mit-taxxa tar-reġistrazzjoni**

- Persuni li għandhom diżabilità skont il-Liġi tas-Sigurta' Soċjali tal-1987 u kif emendata; jew
- Persuni b'diżabilità li l-professjonist tal-KNPD jiċċertifika li minħabba d-diżabilità tagħhom, biex isuqu għandhom bżonn karozza awtomatika u/ jew bil-modifiki; jew
- Persuni li jużaw siġġu tar-roti (jew buggy) jew familjari tagħhom (żwieġhom, marthom, uliedhom).

Persuni li għandhom 'il fuq minn 65 sena u li ma jsuqux huma, mhumiex eliġibbli għall-eżenzjoni fuq karozza manwali standard.

**Eliġibilità għall-eżenzjoni mil-liċenzja tat-triq**

- Persuna li għandha diżabilità skont il-Liġi tas-Sigurta' Soċjali tal-1987 u kif emendata u li ssuq hi stess il-vettura tagħha; jew
- Persuni li għandhom diżabilità skont il-Liġi tas-Sigurta' Soċjali tal-1987 u kif emendata u li jkollha karozza reġistrata f'isimha mat-Taqsima tal-Liċenzji ta' Transport Malta; jew
- Persuna li jkollha vann bil-ħġieġ li jista' jittrasporta persuna li tuża siġġu tar-roti jew buggy.

## GĦAL LIEMA TIP TA' VETTURI HUMA APPLIKABBLI L-EŻENZJONIJIET?

- Karozzi manwali standard
- Karozzi manwali modifikati
- Karozzi awtomatiċi standard
- Karozzi awtomatiċi modifikati
- Vannijiet bil-ħġieġ li huma aċċessibli għal min juża siġġu tar-roti.

## X'TIP TA' EŻENZJONIJIET JINGĦATAW?

It-tip ta' eżenzjoni tiddependi mill-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilità li qed tapplika u, f'xi każijiet anke mill-età tal-persuna.
Dettalji dwar l-eżenzjonijiet li huma eliġibbli għalihom persuni b'diżabilità differenti jinstabu fl-avviż maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi. Kopja tal-aħħar avviż jinkiseb mill-uffiċini tal-KNPD jew mis-sit elettroniku www.knpd.org.

## X'INHI L-PROĊEDURA BIEX TAPPLIKA?

- Irid ikollok il-Karta tal-Identità Speċjali maħruġa mill-KNPD. Jekk m'għandekx trid tapplika għaliha.
- Trid timla l-formola mill-uffiċini tal-KNPD jew minn fuq www.knpd.org.
- Professjonist tal-KNPD jara b' appuntament l-applikant fl-uffiċini tal-KNPD.
- Il-persuna li tapplika tiġi infurmata bir-rakkomandazzjoni tal-KNPD u jekk tkun pożittiva tintalab iġġib irċevuta tad-depożitu fuq il-vettura li tkun ser tinxtara u li fuqha ma jkunx għadu tħallas taxxa tar-reġistrazzjoni, dazju jew VAT.
- Meta l-KNPD jkollha din l-irċevuta, hi tibgħat ir-rakkommandazzjonijiet tagħha lill-Ministeru tal-Finanzi biex tinħareġ l-eżenzjoni.
- L-applikant jieħu din l-eżenzjoni lill-aġent biex ikun hemm it-tnaqqis dovut mill-prezz.
- Persuna li tkun bbenefikat fuq vettura bil-modifiki, trid tieħu l-vettura għal spezzjoni fis-segretarjat tal-KNPD.

Għal iżjed informazzjoni:
**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità**
Bugeia Institute
Triq Braille
Santa Venera SVR 1619
Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS biss: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org
**www.knpd.org**

- Fejn il-persuna b'diżabilità qed tapplika għall-eżenzjoni mil-liċenzja tat-triq, din trid iġġib ukoll kopja tal-Log book tal-vettura li jkun f'isem l-applikant/a u kopja tal-liċenzja tas-sewqan tal-applikant/a.

## X'JIĠRI JEKK INKUN IRRID INBIDDEL IL-KAROZZA?

Jekk persuna li tkun ibbenefikat minn eżenzjoni tkun tixtieq tibdel il-vettura tagħha, hi trid tħallas lit-Transport Malta t-taxxi (pro rata) fuq il-karozza l-antika, u wara tapplika mal-KNPD biex ikollha l-eżenzjoni fuq il-karozza l-ġdida. Trid tibgħat kopja ta' l-irċevuta tat-taxxa li tkun tħallset fuq il-karozza l-antika ma' l-applikazzjoni.

## X'JIĠRI META L-PERSUNA B'DIŻABILITÀ TMUT?

Jekk il-werriet ikun ir-raġel jew il-mara tal-benefiċċjarju, huma jistgħu jkomplu jgawdu mill-eżenzjoni. Il-werriet irid jinforma lill-KNPD li se jaqleb il-log book f'ismu biex ma jkollux għalfejn irodd lura xi parti mill-eżenzjoni li tkun ingħatat permezz ta' dan il-benefiċċju. Biex ikun jista' jsir dan, il-persuna konċernata trid tagħti lill-KNPD:

- Fotokopja taċ-ċertifikat tal-mewt tal-benefiċċjarju
- Fotokopja tal-logbook
- Fotokopja tal-karta ta' l-identità tal-werriet

Il-KNPD tikteb lill-Ministeru tal-Finanzi biex tinħareġ l-awtorizzazzjoni għall-bdil meħtieġ fil-logbook. Jekk il-werriet ma jkunx ir-raġel jew il-mara, dan irid iġib digriet mill-Qorti biex jingħata permess jaqleb il-log book f'ismu wara li jħallas lura xi parti mill-eżenzjoni li tkun ingħatat taħt dan il-benefiċċju.

NGĦOŻŻU D-DIVERSITÀ DISKRIMINAZZJONI QATT

Din l-attività hi ffinanzjata parzjalment mill-Fondi tal-Programm Progress tal-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-pubblikazzjoni mhux neċessarjament tirrifleti l-opinjoni u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

Din l-informazzjoni kienet eżatta meta ġiet ippubblikata u xi dettalji jista' jkun li nbidlu.
Għal aktar informazzjoni, ara www.knpd.org, ibgħat email fuq helpdesk@knpd.org, ċempel fuq 2278 8555 jew ibgħat SMS fuq 7978 8555.

National Commission
Persons with Disability

# Exemption from payment of the vehicle registration fee and vehicle road licence

## WHO MAY BENEFIT FROM THESE EXEMPTIONS?

### Eligibility for vehicle registration fee exemption

- Persons with disability who conform with the Social Security Act 1987 and its amendments; or
- Persons with disability who can only drive automatic transmission and/or modified vehicles, as certified by professionals appointed by KNPD; or
- Parents/Carers of disabled persons who need to stay in their wheelchair or buggy when travelling in a vehicle.

People over 65 years of age who do not drive are not eligible to benefit from the exemption on manual transmission cars.

### Eligibility for vehicle road licence exemption

- Persons with disability who conform with the Social Security Act 1987 and its amendments and who drives his/her own vehicle or
- Persons with disability who conform with the Social Security Act 1987 and its amendments whose vehicle is registered in his or her own name with the Land Transport Directorate, Transport Malta; or
- Owners of a wheelchair accessible van.

## WHICH TYPE OF VEHICLES CAN BE EXEMPT?

- Standard manual transmission cars
- Modified manual transmission cars
- Standard automatic transmission cars
- Modified automatic transmission cars
- Wheelchair accessible vans

## WHAT TYPES OF EXEMPTIONS ARE AVAILABLE?

The type of exemption given depends on the needs of the applicant/ person with disability and in some cases also on the applicant's age.

Further details on different exemptions available to persons with different disabilities are provided in a Ministry of Finance Exemption order which is available from the KNPD offices or its website www.knpd.org.

## WHAT PROCEDURE MUST BE FOLLOWED TO APPLY?

- Applicants must be in possession of a Special ID Card issued by KNPD;
- Applicants must fill in a form which may be obtained from the KNPD offices or its website www.knpd.org;
- Applicants must be examined by a professional appointed by KNPD at its offices;
- Applicants will be informed of KNPD's recommendation. In the case of a positive recommendation, applicants must present a receipt of the deposit paid for the vehicle to be purchased for which no vehicle registration fee, importation tax or VAT has already been paid;
- Once in possession of the deposit receipt, KNPD sends its recommendations to the Ministry of Finance for the applicant to be exempted;

**Services in brief**
**The Ministry of Finance exempts people with disability, or in certain circumstances their relatives, from paying vehicle registration fees, importation tax, VAT or vehicle road licence on KNPD's recommendations. These can amount to all or part of the fees.**

**For more information:**
National Commission
Persons with Disability
Bugeia Institute
Braille Street
Sta Venera SVR 1619
Tel: 2278 8555
Fax: 2278 8490
SMS only: 7978 8555
Email: helpdesk@knpd.org
**www.knpd.org**

- Succesful applicants who own a modified vehicle must have their vehicle inspected at the KNPD secretariat;
- A copy of the vehicle log book and the applicant's driving licence must be presented whenever a person with disability applies for a vehicle road licence exemption.

## WHAT PROCEDURE MUST BE FOLLOWED WHENEVER A CHANGE OF CAR IS MADE?

If a beneficiary of an exemption wishes to replace his/her vehicle, all dues on the older vehicle must be paid pro rata to Transport Malta. The tax receipts should be sent to KNPD together with a fresh application for exemptions pertaining to the new car.

## WHAT HAPPENS UPON THE DEMISE OF A PERSON WITH DISABILITY?

The heir may benefit from the exemption only if he/she is the deceased's spouse. The heir must inform KNPD of the transfer of ownership registered on the vehicle's log book so that the exempted fees are not paid back. This may be done by providing KNPD with:

- A photocopy of the death certificate of the beneficiary;
- A photocopy of the logbook;
- A photocopy of the heir's identity card.

Following this process, KNPD informs the Ministry of Finance so that the required changes in the logbook are authorised. Should the heir not be the deceased's spouse, he/she must obtain a court order authorising him/her to change ownership on the logbook after paying part of the exemption that had been granted to the deceased.

FOR DIVERSITY AGAINST DISCRIMINATION

This factsheet is partly financed by the Progress Programme of the European Union.
The information contained therein does not necessarily reflect the opinion and position of the European Commission.